MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2013

Numru. 538/2011

**Pulizija**

**(Spettur Anthony Portelli)**

**vs**

**Orazio Spiteri**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Orazio Spiteri ta’ 38 sena, iben Victor u Mary Grace nee’ Vella, imwieled Hal Safi nhar it-22 ta’ Gunju 1972 u residenti no.29 ‘Gratiae Plena’ Wesghet il-Vittmi tal-Gwerra, Luqa u detentur tal-karta tal-identita’ numru 393772(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fil-5 t’Ottubru 2010 u fix-xhur ta’ qabel, f’diversi bnadi f’dawn il-gzejjer, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehudha b’qerq, jew akkwistati b’reat

sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom u cioe' laqa' ghandu hames kumpressuri li l-valur taghhom jeccedi 2,329. 37 euro liema kumpressuri gew rapportati misruqa minghand il-kumpanija 'Water Bus Ltd', liema fond huwa sitwat gewwa z-Zona Industrijali Kordin, u dan sar ghad-detriment tad-derigenti ta' l-imsemmija kumpanija u/jew persuni ohra.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tal-25 ta' Settembru 2012 (inserita a fol. 212 tal-atti processwali) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fis-segwenti Artikoli tal-ligi :-

1. Fl-artikoli 334(a) u 279(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
2. Fl-artikoli 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat li l-imputat waqt l-udjenza tas-26 ta' Ottubru 2012 iddikjara li ma kellhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Il-fatti ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fis-6 ta' Ottubru 2010 sar rapport[1] fl-Ghassa ta' Rahal il-Gdid minn certu Stephen Smith[2] li huwa direttur tal-kumpanija Waterbus Ltd fejn dan qal li xi hadd kien dahal fil-fabbrika tieghu li tinsab gewwa l-Qasam Industrijali ta' Kordin u insterqulu diversi affarijiet fosthom power tools, accessorji tal-karozzi, ghodod tal-idejn u kumpressuri tal-

[1] Rapport inserit a fol. 14 sa 20 tal-atti processwali

[2] Ara xhieda ta' PS 1067 li xehed waqt l-udjenza tal-14 ta' Lulju 2011.

airconditioning tal-coaches. F'Ottubru tal-2010 il-Pulizija giet infurmata minn Stephen Smith li huwa kien gharaf kumpressur li kien insteraqlu fil-garaxx tal-imptuat Orazio Spiteri. Inhareg Mandat t'Arrest[3] fil-konfront tal-imputat Orazio Spiteri u saret tfittxija fil-workshop tieghu gewwa Hal Luqa fejn instab il-kumpressur li Stephen Smith ikkonferma li kien tieghu. Waqt l-interrogazzjoni rrizulta lill-Pulizija li l-imputat kellu garaxxijiet ohra gewwa Hal Safi u wara li saret tfittxija f'dawn il-garaxxijiet f'wiehed minnhom instabu erba' (4) kumpressuri ohra li kienu gew misruqa. Stephen Smith mar fuq il-post u huwa rega' gharaf dawn l-erba' kumpressuri bhala dawk li nsterqulu. Gew esebiti wkoll ritratti ta' dawn il-kumpressuri. Stephen Smith ma kienx indika ebda serial number ta' dawn il-kumpressuri lill-Pulizija izda qalilhom li dawn kienu partikolari u jintgharfu immedjatament. Dawn il-kumpressuri jintuzaw fuq amphibian buses ghall-arja kundizzjonata.

Stephen Smith xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-14 ta' Lulju 2011 fejn qal li x-xoghol tieghu huwa li jibni buses ghal skopijiet ta' turizmu. Huwa qal li madwar sena qabel kien ghamel rapport mal-Pulizija li kienu insterqulu hames kumpressuri fejn erba' minnhom kienu insterqu minn gewwa post li ghandu fiz-Zurrieq u iehor minn gewwa Kordin. Huwa zied jghid li kien informa lil Manager tieghu sabiex meta jmur ghand Orazio Spiteri minhabba li kellu jaghmel xi xoghol ghandu, jistaqsih ghall-kumpressuri minhabba li l-imputat seta' jipprovdi kumpressuri simili u dan fil-fatt qalilhom li seta' jipprovdihom b'kumpressuri bhal dawk li kienu insterqulhom. Stephen Smith spjega li meta huwa flimkien mal-manager tieghu Trevor Woodfram mar fil-hanut tal-imputat gewwa Hal Luqa huma raw kumpressur

---

[3] Mandat ta'Arrest NC1 li jinstab a fol 53 li gie esebit mill-ispettur Anthony Portelli. Fl-istess seduta tas-7 t'Ottubru 2011 giet esebita wkoll stqarrija tal-imputat dok NC3 a fol 55 fejn l-imputat ghazel li ma jikkonsultax ma' avukat skont l-istess xhieda ta' PS 8. Xehed PC 1367 Cedric Mifsud (a fol 177) fejn ikkonferma li kien prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija. Waqt li a fol 170 giet esebit rapport maghmul minn PC 404 Paul Camilleri fuq inkarigu tal-Ispettur Anthony Portelli biex idur l-oggetti elevati ghal xi fingerprints li fil-fatt irrizulta fin-negattiv.

li gharfuh mill-ewwel bhala wiehed minn dawk li kienu nsterqulhom. Smith spjega li kull wiehed mill-kumpressuri jiswa kwazi elfejn (€2,000) ewro u qal li l-valur kumplessiv tal-kumpressuri li nsterqu jammonta ghal madwar tlettax-il (€13,000) elf ewro. Huwa gharaf il-kumpressuri li jidhru fir-ritratti li gew esebiti bhala SB2 bhala dawk li kien ra ghand l-imputat u gharafhom ukoll bhala dawk li kienu nsterqulu minhabba li kellhom is-serial number jaqbel, kif ukoll minhabba l-qies u l-magna. Stephen Smith rega' xehed waqt l-udjenza tas-7 t'Ottubru 2011 fejn esebixxa dokument (Dok CP1) li juri stimi tal-prezzijiet[4] ta' dawn il-kumpressuri. Huwa zied jghid li huwa ma kellux ricevuti ta' dawn il-kumpressuri minhabba li dawn jigu parti minn vettura[5] li huwa jkollu log books taghhom.

Trevor Woodfram wkoll xehed f'dawn il-proceduri (a fol 31) fejn qal li huwa jahdem fl-istess kumpanija ma' Stephen Smith u qal li kellu bicca makkinarju ta' air conditioning li ha ghand l-imputat Orazio Spiteri ghat-tiswija. Huwa spjega li kien staqsa lill-imputat jekk kellux kumpressuri ghall-bejgh u dan l-ewwel qallu li kellu kumpressur izda li dan kien antik ghax-xoghol li kellhom bzonn u mbaghad qallu li kellu mudell iehor izda ried igibu mill-garaxxijiet li kellu f'Hal Safi. Fil-fatt hekk ghamel u x-xhud mar jara wiehed minnhom gewwa l-workshop tieghu. Meta huwa mar flimkien ma' Stephen Smith gewwa Hal Luqa ghand l-imputat raw wiehed minn dawn il-kumpressuri li gew misruqa minghandhom. Ix-xhud spjega li dawn il-kumpressuri kellhom magnetic clutch u pulleys izda dawk li kien hemm fil-hanut kienu tnehhewlhom dawn il-magnetic clutch u pulleys. Trevor Woodfram qal li meta huma staqsew lill-imputat minn fejn kien gab dawn il-kumpressuri huwa qalilhom li dawn kienu gewwa mahzen u ma kienx hemm aktar uzu ghalihom u ghalhekk ried ibieghhom. Huwa zied jghid li l-imputat seta' kien agent tal-kumpressuri izda mhux tal-marka

[4] Ghandu jinghad li mid-dokument il-prezz indikat kien ta' 1998. 24 Euro (ara a fol 47 dok CP1)

[5] Fis-seduta tal-11 ta' Novembru esebixxa diversi dokumenti li jinsabu a fol 109 liema dokument gie markat bhala CP1. Dawn id-dokumenti juru l-vettura li nxtrat mill-liema vetturi dawn il-kumpressuri kienu gew fihom.

Bitzer[6] li kienet il-marka tal-kumpressuri li intserqulhom u qal li dawn facilment jintgharfu minn numru serjali taghhom.

Il-Qorti hatret lill-Inginier Maurizio Fenech sabiex ihejji stima tal-kumpressuri li nstabu fil-pussess tal-imputat kif ukoll sabiex jirrelata dwar l-ghan li ghalih jintuzaw dawn il-kumpressuri. Fil-11 ta' Novembru 2011, l-Inginier Fenech esebixxa r-rapport tieghu (Dok MF1 nserit a fol 64 tal-atti processwali) fejn huwa kkonkluda li l-kumpressuri li huwa ezamina gew identifikati bhala 4 cylinder li jintuzaw fuq buses u huma tal-marka BITZER u huma 4MFCY u BFCY. Erbgha minn dawn il-kumpressuri kellhom il-pulleys waqt li fl-iehor ma kellux. Huwa stabbilixxa li l-valur komplessiv ta' dawn il-kumpressuri huma ta' erbat elef u seba' mitt ewro (€4700) u dan minhabba li kellhom xi parts neqsin. L-istess Inginier kiteb lill-manufattur ta' dawn il-kumpressuri sabiex jindikalu n-numru serjali li dawn kellhom meta gew maghmula u sabiex jinghata nformazzjoni dwar fejn inbieghu izda huwa baqa' ma rcieva ebda nformazzjoni.

L-imputat Orazio Spiteri ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-25 ta' Jannar 2013 (a fol 219) fejn qal li xi zmien qabel kienu marru ghandu zewg Pulizija u nfurmawh li ried ikellmu l-ispettur Anthony Portelli. Huwa qal li ghalkemm dawn staqsewh jekk iridx jikkonsulta mal-avukat huwa wiegeb li ma riedx ghaliex hass li huwa ma ghamel xejn hazin. Huwa qal li ilu jahdem ghal kwazi hamsa u ghoxrin sena fuq refrigeration fuq vetturi kbar u spjega li xi ftit taz-zmien qabel ma huwa gie nterrogat mill-Pulizija, il-Gvern kien qieghed jirranga mas-sidien tal-vetturi tal-linja sabiex jaghtihom somma flus ghall-buses taghhom u jiftakar li kien dahal ghandu ragel li qatt ma rah qabel u dan staqsieh kienx interessat jixtri il-kumpressuri in dizamina u huma fthiemu prezz ghalihom u huwa xtrahom. L-imputat zied jghid li dawn il-kumpressuri huma komuni ghaliex jinstabu fuq xarabanks tal-linja u fuq makkinarju ndustrjali. Huwa qal li l-kundizzjoni tal-

[6] Ghandu jinghad li skond it-traskrizzjoni inkitbet BIZZO waqt li fir-ritratt tidher il-marka BITZER.

kumpressuri li xtara kienet mahmuga hafna u kienu jidhru mitluqa u ma kellhomx is-serial number mimsus. L-imputat sostna li ma kienx jaf l-identita' ta' din il-persuna li xtara l-kumpressuri minghandu izda nnega li huwa kien qieghed jipprova jahbi l-identita' ta' din il-persuna. Huwa zied jghid li meta kien qieghed arrestat qal lill-Pulizija li kellu kumpressur wiehed biss u meta kien fil-vettura tas-CID huma bdew jghidulu sabiex jaghtihom l-ohrajn u huwa qalilhom li huwa kellu erba' kumpressuri ohra li kienu gewwa Hal Safi. L-imputat qal ukoll li Stephen Smith kien qal li ma kienx cert jekk gharafx il-kumpressuri bhala li kienu tieghu. Huwa zied jghid li bhal dawn il-kumpressuri kien hawn hafna fis-suq minhabba li l-Gvern kien qieghed jixtri dawn il-vetturi antiki u qal ukoll li dawn jinsabu fuq il-vetturi tal-linja li kienu ingabu zmien qabel. Huwa zied jghid li anki l-kumpanija Arriva tuza dawn it-tip ta' kumpressuri. Huwa qal li ma kienx minnu li fil-fatt kien talab lil Trevor is-somma ta' elf Ewro ghal wiehed mill-kumpressuri ghax dawn kienu second hand u l-valur taghhom zgur ma jitlghax ghal daqshekk. Huwa qal li dawn il-kumpressuri m'humiex custom made u jistghu jintuzaw ghal diversi affarijiet ohra u kkonferma li meta giet din il-persuna mhux maghrufa tbiegh dawn il-kumpressuri dan ried ibieghhom ghas-somma ta' tlett mitt Ewro l-wiehed izda huwa m'accettax u ftehmu fuq prezz ta' mitejn Ewro l-wiehed. L-imputat qal li ma kienx talab ricevuta ghal dawn l-oggetti ghaliex ir-ragel qallu li dawn kienu mehudha minn xarabanks li qieghed jiehu lura l-Gvern. Huwa zied jghid li qatt ma xtara mill-idejn u din kienet l-ewwel darba li ghamel hekk u qatt ma gietu f'mohhu li dawn setghu kienu misruqa u lanqas ma raha stramba li fil-fatt din il-persuna giet ghandu sabiex tbieghlu dawn l-oggetti. L-imputat qal li ma kienx qal lill-Pulizija mill-ewwel rigward l-erba' kumpressuri l-ohra ghaliex beza'.

Ikkunsidrat:

<u>L-akkuza ta' ricetazzjoni taht l-Artikoli 3334(a) u 279(b)</u>

Illi sabiex persuna tinstab hatja ta' ricettazzjoni hu mehtieg li jikkonkorru is-segwenti tlett rekwiziti u cioe' :

1. il-provenjenza llegittima tal-oggett in kwistjoni ossia li jkun insteraq, jew gie mehud b' qerq jew akkwistat b' reat iehor;
2. l-akkuzat irid ikun laqa' ghandu jew xtara tali oggett li ghandu provenjenza llegittima u
3. fil-mument tal-akkwist, l-akkuzat kien jaf bil-provenjenza llegittima tal-oggett in kwistjoni (ara App. Krim **"Il-Pulizija vs. Bugelli"** [24.1.1942]**; "Il-Pulizija vs. Giovanni Grima"** [25.10.2002])

L-element formali ta' dan ir-reat hu li l-imputat kien jaf bil-provenjenza illecita tal-oggett suggett tar-ricettazzjoni. Dan ir-rekwizit jista' jigi pruvat kemm minn provi diretti kif ukoll minn provi indizjarji. Hekk fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. John Briguglio"** [24.6.1961] kien gie ritenut li :-

"*Min jakkwista oggett taht cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza illegittima, u ntant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza, u jaghlaq ghajnejh, huwa hati ta' din in-negligenza u kwindi ta' ricettazzjoni."*

Gie ukoll ritenut li dan l-element formali tar-reat in dizamina ikun jissussisti anki jekk l-akkuzat ikun ircieva jew xtara l-oggett filwaqt li jkollu jew inkella imissu kellu suspett li l-persuna li taghtu dak l-oggett setghet giet f'pussess ta' dak l-oggett b'mod illecitu u b'dana kollu xorta jilqa' ghandu jew jixtri tali oggett minghajr ma jaghmel xejn sabiex jivverifika u jaccerta ruhu li l-pussess ta' dik il-persuna l-ohra kien wiehed legittimu u mhux kif kien qed jissusspetta hu. (ara App. Krim. **"Il-Pulizija vs. J. Briguglio"** [24.6.1961]; **"Il-Pulizija vs. John Dimech"** [24.6.1961]; **"Il-Pulizija vs. George Tabone"** [24.6.1961] u "**Il-Pulizija vs. Tancred Borg"** [26.10.1998]).

S'intendi ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuza generika u ma tirreferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali. (Ara App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Joseph Piscopo"** [21.3.1953]; "**Il-Pulizija vs.**

**Nazzareno Zarb"** [16.12.1998] u ohrajn) Kif jghid il-KENNY :

*"The knowledge: The prisoner must have received the stolen goods with knowledge then of their having been stolen. Such knowledge may be presumed prima facie if he knew of circumstances so suspicious as to convince any reasonable man that the goods had been stolen - e.g. …when an unlikely vendor offers them for an unlikely price … His subsequent conduct may be evidence of such knowledge - e.g. .. selling them surreptitiously … or making no written entry of having bought them."*

Illi kif qalet ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza il-Pulizija vs. Vincent Calleja (30 ta' Novembru 1978):

“Din il-Qorti tillimita l-konsiderazzjonijiet taghha dwar l-element tax-*scienter* mehtieg f'dan ir-reat ghal dan u cjoe', illi l-imputat qal fid-deposizzjoni tieghu illi ma kienx jaf min kien il-guvni li xtara minghandu u lanqas staqsieh min kien, kif ukoll lanqas staqsieh mnejn dan kien gab l-istess oggetti u ghalkemm il-venditur kien gie b'car, Mini bajda biex jaghmel il-konsenja l-imputat lanqas zamm jew innota n-numru ta' l-istess car. Issa fil-fehma tal-Qorti dan jimplika ix-scienter...”

Waqt li fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Anthony Grima (2 ta' Marzu 1978 l-Qorti qalet:

“...l-ghaliex, skond id-dottrina u l-gurisprudenża l-element essenzjali tax-*scienter* fir-ricetazzjoni huwa kwazi dejjem dedott mill-prezz irhis u mhux realistiku tal-oggett mixtri”.

Ikkunsidrat

Illi fid-dawl ta' dawn il-principji ta' dritt fil-kaz odjern il-fatti jaghtu x'jifhem lil din il-Qorti li l-imputat seta' b'mod ragonevoli jissuspetta li dawk l-oggetti li xtara minghand il-persuna lli ma kienx jaf min hi kienu gejjin minn att illecitu. Illi fil-mori tal-kawza gie pruvat li dawn l-oggetti li nstabu fil-pussess tieghu kienu misruqa minn gewwa l-propjeta'

tal-kumpanija mmexxija minn Stephen Smith. Mix-xhieda hareg ukoll li l-istess derubati gharfu dawn l-oggetti kemm fil-workshop f'Hal Luqa kif ukoll gewwa garage li huwa propjeta tal-imputat f'Hal Safi. Illi l-espert tal-Qorti mahtur sabiex jaghti stima ta' dawn il-kumpressuri vvaluthom bi prezz konservattiv ghall-ahhar meta ha in konsiderazzjoni certi elementi u ghalhekk hareg bi stima li l-hames kumpressuri jiswew €4702.

Illi l-imputat fix-xhieda tieghu qal li persuna li qatt ma kien ra qabel giet ghandu filghaxija sabiex tbieghlu dawn l-oggetti. Fil-fatt kien talbu prezz ta' tlett mitt Ewro izda rrangaw prezz ta' mitejn Ewro ghal kull kumpressur u huwa hallas l-ammont ta' elf Ewro ghal dawn l-oggetti. Ghandu jinghad li meta gie arrestat l-imputat kull ma semma kien biss kumpressur wiehed u kien biss wara li l-Pulizija gabet informazzjoni li huwa kellu xi garages Hal Safi lli huwa hadhom hemm u f'wiehed minnhom instabu erba' kumpressuri ohra li fil-fatt Stephen Smith gharafhom bhala tieghu izda dawn kellhom xi affarijiet nieqsa minn fuqhom li deheru li nqalghu. L-imputat fix-xhieda u anki fl-istqarrija tieghu qal b'mod car li huwa fil-bidu ma qalx il-verita kollha mill-ewwel ghaliex gie mahsud.

Illi l-Qorti jidrilha li dawn ic-cirkostanzi kollha, kemm il-fatti li hargu bid-diversi xhieda u d-dokumenti li gew esebiti, jindikaw lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat huwa hati tar-reat ta' ricetazzjoni ndikat fl-Artikolu 334(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat li l-imputat ghandu fedina penali kwazi nadifa u sejra ghalhekk timponi piena karcerarja sospiza fil-massimu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati fin-Nota ta' Rinviju ghal Gudizzju tal-Avukat Generali tal-25 ta' Settembru 2012 u senjatament l-Artikoli 334(a) u 279(b) tal-Kodici Kriminali, il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah sentejn(2) prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' erba' (4) snin millum.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub ihallas lir-Regsitratur tal-Qorti s-somma ta' hames mija u disgha u ghoxrin ewro u erbgha u sittin centezmu (€529.64) liema ammont jirraprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------